MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2930/2002

**Avviz Numru 2930/02 AJD**
**Ruben u Romina konjugi Camilleri**

**Vs**

**Simon Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Dicembru 2002, fejn gie mitlub illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tminn mija, hamsa u tletin lira maltin (Lm835.00), salv l-imghax u l-ispejjes ta' din il-kawza, rigwardanti, illi skond quotation datata 27 ta' Gunju 2002, il-konvenut obbliga ruhu li jaghmel xoghol fil-post 17, Triq il-Knisja, Msida, propjeta' ta' l-atturi. Illi l-konvenut beda jaghmel dan ix-xoghol b'mod li mhux konformi mas-sengha u l-arti mehtieg b'dan illi kkaguna hafna hsarat, kif

gie wkoll konfermat minn certifikat ta' perit, liema certifikat jigi esebit waqt il-kawza u konfermat mill-perit. Illi saru biss jumejn xoghol mis-27 ta' Gunju 2002 sa l-ahhar ta' Settembru 2002, u l-konvenut gie interpellat f'diversi okkazzjonijiet biex imur ikompli x-xoghol minhabba li l-post kien espost ghax-xita u kien qed issir hafna hsara, imma dan baqa inadempjenti. Illi l-atturi hallsu lill-konvenut s-somma ta' tmien mija, hamsa u tletin lira maltin (Lm835.00), liema ammont huma qed jitolbu li jigi rifondat lilhom salv l-imghax u l-ispejjes ta' din il-kawza.

Ra li l-konvenut debitament notifikat naqas milli jidher u jipprezenta Risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur Ruben Camilleri li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tminn mija, hamsa u tletin lira maltin (Lm835.00), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------